



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, it-2 ta' Frar 2023

L-awdituri jirriflettu fuq il-politika ta' Koeżjoni bħala għodda ta' reazzjoni għall-kriżijiet

- *L-UE introduċiet flessibbiltà biex tagħmel disponibbli l-fondi ta' koeżjoni li ma jkunux intefqu*
- *Ġew ipprovduti EUR 50.4 biljun bħala suppliment għall-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni*
- *L-użu tal-politika ta' koeżjoni biex jiġu indirizzati l-kriżijiet jista' jkollu impatt fuq l-oġettiv strateġiku primarju tagħha*

L-UE adattat malajr ir-regoli tagħha biex tipprovdni flessibbiltà akbar lill-Istati Membri fl-użu tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19. Hija introduċiet ukoll riżorsi ġodda sinifikanti biex tiffinanzja investimenti addizzjonali. Skont rapport ġdid li nħareġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, dawn il-miżuri iżda żiedu wkoll mal-pressjoni biex flus L-UE jintefqu malajr u sew. L-awdituri josservaw li l-użu ripetut tal-politika ta' koeżjoni biex jiġu indirizzati l-kriżijiet jista' wkoll jiddevjaha mill-għan strateġiku primarju tagħha li tnaqqas id-disparitajiet fl-iżvilupp bejn ir-reġjuni.

Mill-bidu tal-2020, l-UE ħadet firxa wiesgħa ta' azzjonijiet biex tindirizza l-isfidi li rriżultaw mill-pandemija tal-COVID-19. Il-politika ta' koeżjoni għamlet il-parti tagħha, b'reazzjoni malajr u maqsuma fi tliet stadji li emendat ir-regoli tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020. F'inqas minn xahrejn wara t-tifqigħa tal-pandemija fl-Ewropa, l-UE adottat miżuri leġislattivi biex timmobilizza l-fondi li ma ntefqux permezz tal-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus (CRII) u l-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus Plus (CRII+). F'inqas minn sena, hija adottat l-Assistenza fl-Irkupru għall-Koeżjoni u għat-Territorji tal-Ewropa (REACT-EU), biex isservi bħala strument fuq terminu qasir u medju għal azzjonijiet ta' tiswija u rkupru mill-kriżi.

"Ir-reazzjoni tal-UE ffaċilitat l-użu tal-fondi ta' Koeżjoni biex l-Istati Membri jiġu megħjuna jiffaċċjaw id-diffikultà ekonomika relatata mal-COVID-19, minkejja li konsegwentement xi sfidi eżistenti jistgħu jaggravaw", qalet Iliana Ivanova, il-Membru tal-QEA li mexxiet l-awditu. *"Fi*

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ huwa disponibbli fuq eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

kwalunkwe każ, xorta waħda jeħtieġ li nivvalutaw b'reqqa kbira jekk il-politika ta' koeżjoni tal-UE hijiex l-għodda baġitarja t-tajba għar-reazzjoni għall-kriżijiet”.

Iż-żewġ inizjattivi ta' reazzjoni għall-Coronavirus introduċew adattazzjonijiet immirati ta' xi regoli tal-politika ta' koeżjoni li pprovdew likwidità, flessibbiltà u simplifikazzjoni. EUR 50.4 biljun addizzjonali (li minnhom aktar minn nofshom ingħataw lil Spanja u lill-Italja) ġew mir-REACT-EU, biex jintefqu fid-diskrezzjoni tal-pajjiżi f'perjodu ta' żmien qasir ħafna (sa tmiem l-2023). B'riżultat ta' dan, ir-REACT-EU kellha l-effett li tipprovdni "pont ta' finanzjament" bejn l-2021 u l-2023, li kkontribwixxa għal dewmien sinifikanti fil-bidu tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni 2021-2027. L-awdituri jwissu wkoll li, apparti li żżid mad-diffikultajiet rikorrenti fl-infiq ta' flus l-UE, ir-REACT-EU tista' twassal għal għaġla biex ir-riżorsi disponibbli jintefqu qabel tmiem il-perjodu, bil-valur għall-flus potenzjalment jintesa.

Żieda fil-flessibbiltà tat-trasferimenti rriżultat f'ċaqliq sostanzjali tal-fondi: EUR 35 biljun sal-31 ta'Diċembru 2021. L-awdituri sabu li l-finanzjament mexa bejn oqsma ta' investment, primarjament lejn il-kura tas-saħħa (+80 %) u l-appoġġ għan-negozji (+16 %), filwaqt li naqas għat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, l-enerġija u l-ambjent, l-inklużjoni, u r-riċerka u l-innovazzjoni. Il-finanzjament mexa wkoll lejn reġjuni aktar żviluppatti u fi tranżizzjoni (+EUR 1.8 biljun). L-awdituri josservaw ukoll li għalkemm ir-REACT-EU hija mistennija li tikkontribwixxi 25 % tal-pakkett finanzjarju kumplessiv tagħha lill-oġettivi klimatiċi, x'aktarx li dan mhux se jseħħ.

Il-politika ta' koeżjoni ta' spiss intużat biex tipprovdni reazzjoni fuq terminu qasir għall-kriżijiet, u għadd ta' modifiki introdotti għal dak il-għan saru karatteristiċi regolari tal-politika. L-awdituri josservaw, iżda, li l-impatt fuq terminu twil ta' dan l-użu ma ġiex ivvalutat b'mod formali. Regoli ġodda għall-politika ta' koeżjoni 2021-2027, li jibbażaw fil-biċċa l-kbira fuq il-flessibbiltajiet li għadhom kif ġew introdotti, se jagħmluha aktar faċli biex il-fondi ta' koeżjoni jintużaw biex jirrispondu għal avvenimenti mhux mistennija. B'riżultat ta' dan, l-awdituri jindikaw riskju: l-użu ripetut tal-politika ta' koeżjoni biex jiġu indirizzati l-kriżijiet jista' jkollu impatt fuq l-għan strateġiku primarju tagħha li tnaqqas id-disparitajiet bejn ir-reġjuni Ewropej.

Informazzjoni ġenerali

Il-politika ta' koeżjoni hija waħda mill-akbar oqsma ta' politika tal-baġit tal-UE, b'allokazzjoni ta' EUR 355 biljun għall-perjodu 2014-2020. L-għan prinċipali tagħha huwa li ssaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali bejn ir-reġjuni.

Ir-Rapport Speċjali 02/2023 “L-adattament tar-regoli tal-politika ta' koeżjoni biex jirrispondu għall-COVID-19: Il-fondi jintużaw b'mod aktar flessibbli, iżda hija meħtieġa riflessjoni dwar il-politika ta' koeżjoni bħala għodda ta' reazzjoni għall-kriżijiet”, huwa disponibbli fuq is-[sit web tal-QEA](#).

Dawn l-awditu jsegwi żewġ Opinjonijiet dwar is-[CRII+](#) u r-[REACT-EU](#), kif ukoll Rapport Analitiku dwar ir-[riskji, l-sfidi u l-opportunitajiet fir-rispons tal-politika ekonomika tal-UE għall-kriżi tal-COVID-19](#). Huwa jibbaża wkoll fuq Rapport Speċjali li ġie ppubblikat reċentement dwar il-[finanzjament ibbażat fuq il-prestazzjoni fil-politika ta' Koeżjoni](#) u analiżi komparattiva ppubblikata reċentement tal-[“finanzjament mill-UE permezz tal-politika ta' koeżjoni u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza”](#).

Kuntatt għall-istampa

Uffiċċju tal-istampa tal-QEA: press@eca.europa.eu

- Vincent Bourgeois: vincent.bourgeois@eca.europa.eu - M: (+352) 691 551 502
- Damijan Fišer: damijan.fiser@eca.europa.eu - M: (+352) 621 552 224
- Claudia Spiti: claudia.spiti@eca.europa.eu - M: (+352) 691 553 547